ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 09 IT-TNEJN 9 TA' DIĊEMBRU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 09 ta' Diċembru 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Antoine Saliba Haig infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li kellu ċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni. Is-S.E. informa wkoll li l-Kunsillier Robert Cremona infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba impenji ta' xogħol.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u l-Kunsilliera Antoine Saliba Haig u Robert Cremona ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**09/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 08**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 08 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 08 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**09/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**09/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li wara fil-laqgħa preċedenti infetħu nominazzjonijiet għal persuni li setgħu ikun interessati sabiex ikun l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, iż-żagħżugħ Sebastian Calleja wera interess. Għaldaqstant, is-Sindku innominat lil Sebastian Calleja sabiex ikun l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ta' Ħal Qormi sakemm jagħlaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Il-Kunsill approva b'mod unanimu din in-nomina biex Sebastian Calleja ġie maħtur Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

**09/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill applika għall-fondi mill-Fond ta' Ko-Finanzjament għall-Proġetti tal-Unjoni Ewropea biex sabiex jitwettaq il-proġett intitolat **Embellisment of Sqaq Awzara** iffinanzjat minn ***Rural Development Programme,*** il-Kunsill irċieva l-ittra ta' aċċettazzjoni. L-allokazzjoni li ser tingħata mill-fond ta' ko-finanzjament għal dan il-proġett tammonta għall-ammont massimu ta' ***€3,322.57*** *(inkluża l-VAT).* F'dan ir-rigward is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet għall-approvazzjoni il-ftehim ta' aċċettazzjoni. Il-Kunsill approva b'mod unanimu dan il-ftehim u ġie ffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**09/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ rebaħ il-Premju tal-aħjar proġett minn Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ permezz tal-proġett Sports4u. Is-Sindku Rosianne Cutajar ferrħet lill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ta' dan l-premju u tal-unur li taw lill-belt tagħna.

**09/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni dwar il-Marċ tal-Milied fejn żewġ baned xtaqu li jdoqqu flimkien f'Marċ wieħed filwaqt li banda oħra xtaqet li jkun hemm marċi separati u jiltaqgħu t-tlett baned flimkien għall-aħħar tlett diski tal-Milied fi Triq Dun Ġwakkin Schembri. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill iddeċieda li għandhom isiru tlett marċi u jingħaqdu fi Triq Dun Gwakkin Schembri peress li skont ir-roster din is-sena jmiss hemmhekk, kif sar għal dawn l-aħħar snin. Il-Kunsillier Ralph Puli xtaq jirreġistra li huwa kien jippreferi li jħalli l-baned fil-liberta' li jdoqqu kif jixtiequ sakemm iżda t-tlieta li huma jispiċċaw f'post wieħed, din is-sena Triq Dun Ġwakkin Schembri.

**09/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-lokalita ta' Ħal Qormi ġiet fit-tieni post fil-European Destination of Excellence Awards. Is-Sindku se tkun qed tattendi f'isem il-Kunsill Lokali għaċ-ċerimonja li se ssir fi Brussels. Il-Kunsill approva. Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku se jkunu qed jipparteċipaw għaċ-ċerimonja li se tkun qed issir Malta.

**09/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-

**08/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar**

**08/02/08**

**08/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2015
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2015
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**08/04** **MOZZJONIJIET**

**08/04/01** **MOZZJONI – 23-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Marvin Zammit iressaq il-mozzjoni nru 23-2015:

*Peress li bħala Kunsill nemmnu fil-ħajja attiva kif ukoll fis-saħħa fiżika u l-għaqda soċjali fil-komunita' tagħna, qed nippropni li l-Kunsill għandu jerġa jibda jorganizza b'sehem attiv mill-Kunsilliera l-mixjiet li kienu jsiru magħrufin bħala 'Walking Club', li kien twaqqaf mill-Kunsill preċedenti.*

*Naħseb li bħala Kunsilliera għandna nagħmlu skeda fejn kull Kunsillier ikollu ġurnata allokata sabiex ikun responsabbli minn dan l-grupp sakemm jibqa jkun hemm interess mir-residenti.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 23-2015(VII)** u ġie deċiż biex il-Kunsillier Marvin Zammit jikkordina din l-inizjattiva.

**08/04/02 MOZZJONI – 24-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 24/2015(VII):

*Fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati nipproponi biex dan il-Vacation Leave mhux mehud matul din is-sena 2015 sabiex ikun akkumulat ghas-sena 2016.*

| | | |
|---|---|---|
| *Kenneth Brincat* | *Segretarju Ezekuttiv* | *96 siegha* |
| *Maria Lewis* | *Assistent Principal* | *48 siegha* |
| *Bernice Darmanin* | *Assistent Principal* | *10 siegha* |
| *Noel Pace* | *Ufficjal Ezekuttiv* | *48 siegha* |
| *Bessie Tanti* | *Skala 18* | *72 siegha* |
| *Roberta Mizzi* | *Skema* | *20 siegha* |

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 24-2015(VII). **Is-Segretarju Ezekuttiv** għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Direttur skont il-proceduri.

**08/05/03 MOZZJONI 25/2015 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Josef Aqulina sabiex iressaq il-mozzjoni nru 25/2015(VII):

*Peress li l-Kunsill Lokali għandu għal qalbu l-patrimonju lokali fil-lokalita';*

*Peress li s-Salib tad-Dejma huwa wieħed mill-ftit li għad fadal f'Malta u għaldaqstant għandu valur storiku kbir fil-lokalita' taghna;*

*Peress li l-istess s-sit ta' fejn jinsab is-salib ma baqax addattat u safa vittma ta' ħsarat;*

*Peress li din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tinsab fi stat ta' bżonn ta' restawr;*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jibda l-proċess għaċ-ċaqliq tas-salib u għar-restawr taż-żewġ monumenti, billi japplika għall-permess tal-MEPA sabiex mal-ewwel ċans ta' fondi disponibbli għal dan ir-restawr, l-Kunsill ikun ippreparat u jkun jista' jagħmel ix-xogħol mill-ewwel.*

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 25-2015(VII). **Is-Segretarju Ezekuttiv** għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Direttur skont il-proceduri.

**08/04/04 MOZZJONI – 26-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 26-2015:

*Nipproponi biex fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti msemmija hawn taħt jkun ffurmat hekk:*

*XIRI TA' VETTURA LI TAĦDEM BL-ELETTRIKU*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Renald Falzon, Marvin Zammit*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 23-2015(VII)**.

**08/04/05 F'dan l-istadju tas-seduta, il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Ralph Puli skużaw ruħhom mil-laqgħa.**

**08/04/06 MOZZJONI – 27-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 27/2015(VII):

*Wara li l-Kunsill kien ippropona li jsemmi triq għal Lino Spiteri, kif ukoll għal Ċikku Degiorgio (Ċikku tal-Fjuri) nipproponi biex :*

*il-Ġnien li jinsab f'tal-Blat jiġi msemmi għal Lino Spiteri, minn Ħal Qormi, ekonomista, politiku, opinjonista u kittieb Malti. Kien elett fil-Parlament ta' 23 sena fl-1962, u serva b'kollox għal 21 sena, sitta minnhom fil-kabinett, sa ma rtira mill-politika fl-1998;*

*filwaqt li,*

*it-triq li tinsab bla isem fi Triq Lapsi, tissemma' għal Ċikku Degiorgio, għannej Qormi magħruf bħala 'Ċikku tal-Fjuri'*

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 27-2015(VII). **Is-Segretarju Ezekuttiv** għandu jitlob l-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq u l-pubblikazzjoni tagħhom.

## 08/05 RAPPORTI

### 08/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA DWAR RESTAWR TAL-KAPPELLA TA' SAN FRANGISK

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern 11 ta' Awwissu 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 11 ta' Settembru 2015 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-11 ta' Settembru 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u l-Kunsillier Renald Falzon.*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta waħda biss:*

| ***Isem*** | ***€*** |
|---|---|
| *Agius Stoneworks Co Ltd* | *46159.50* |
| *Vaults Co. Ltd* | *35,294.70* |

| | |
|---|---|
| *Recoop- The Restoration and Conservation Coop Ltd* | *43,130.83* |
| *MT R. Contracting Ltd* | *47,630.00* |
| *Camray Company Ltd* | *45,388.87* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Josef Aquilina u Perit Jennifer Busuttil (obo l-Perit William Lewis) ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li l-orħos offerta hija administrative u technical compliant. Il-Bord innota wkoll li l-offerent għamel bosta xogħlijiet ta' restawr fuq livell nazzjonali.Il-Bord innota li fil-Preliminary Bill dan thalla vojt, u għaldaqstant il-Bord qabel li jitlob konferma li l-items fil-Preliminary Bill se jkunu ipprovduti mingħajar ħlas.*

*Wara li ġie ikkonfermat mill-orħos bidder li l-Preliminary Bill huwa inkluz fl-offerta, il-Bord irrakkomanda li tintgħażel l-orħos offerta minn Vaults Co. Ltd bl-ammont ata' Eur35294.70 (Vat u 5% management fee inkluz.*

Il-Kunsill qabel unanimament biex jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiġi ffirmat l-kuntratt.**

**08/05/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAT-TIELET KWART LI JAGĦLAQ FIT-30 TA' SETTEMBRU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jippreżenta r-rapport finanzjarju ghat-tielet kwart tas-sena sal-aħħar ta' Settembru 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill għandu pożizzjoni ta' Financial Situation Indicator ta' 2%. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li f'dan il-perjodu il-Kunsill ra żieda sostanzjali fid-dħul, minħabba ż-żieda fil-miżata tal-permessi kif ukoll dħul mogħti mir-Reġjun Nofsinhar bħala parti mill-profit sharing. Filwaqt li bħala infiq rikurrenti l-Kunsill żamm l-istess ritmu. Is-Segretajru Eżekuttiv spjega li l-Kunsill għad fadallu x'jieħu mill-flus tal-fondi ewropej ta' M313 u M413.A5 kif ukoll tal-progett ta' Gnien George Hyzler mill-UIF.

Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**DOK 'C'**

**08/05/03 RAPPORT DWAR IL-KORSIJIET**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** biex iressaq dan ir-rapport. Il-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** spjega li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u għaldaqstant dan ir-rapport se jkun qed jitressaq fis-seduta li jmiss.

**08/05/04 RAPPORT MILL-KUMMISSJONI DWAR IT-TRAFFIKU U T-TRASPORT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Renald Falzon** biex iressaq dan ir-rapport. Il-**Kunsillier Renald Falzon** spjega li l-Kummissjoni iltaqgħet diversi drabi fejn tressqu numru ta' suġġerimenti li iżda l-Kunsill preċedenti kien diġa ressaqhom lill-awtoritajiet. Dawn jikkonċernaw :-

- *One-way* fi Triq Marju Pace
- *One-way* fi Triq il-Belt Valletta
- *Pelican Lights* fi Triq Guże Duca, ħdejn ta' Ganza
- Preżenza ta' Pulizija mar-roundabouts f'*peak hours*
- Gwardjani Lokali fil-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tal-mużewijiet u ssir tabella bil-ħinijiet bħalma jsir ħdejn l-iskejjel
- Sistema ta' mmaniġġjar aħjar ħdejn l-Iskola ta' San Ġorġ

Ġie deċiż biex dawn il-punti flimkien ma' oħrajn jiġu diskussi fit-Task force tat-traffiku sabiex l-awtoritajiet jintervjenu ħalli s-sitwazzjoni tat-traffiku titjib.

**08/05/05 RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI DWAR IMPJIEG**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u għaldaqstant dan ir-rapport se jkun qed jitressaq fis-seduta li jmiss.

**08/06 KORRISPONDENZA**

**08/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-8'**

1. Dwar korrispondenza mill-Green Pak, is-Sindku infurmat lill-Kunsill, li bil-kollaborazzjoni tal-Green Pak se jkun qed jitqassam kalendarju f'kull dar fejn fuq il-kalendarju jkun hemm il-ġranet tal-

ġbir ta' skart. Il-Kunsill se jkun qed iħallas l-ispejjeż biex jitqassam dan il-kalendarju.

2. Dwar il-websajt tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qed jerġa jikteb lill-MCAST dwar jekk għadhomx interessati li jsir minnhom, u fin-nuqqas ta' risposta tanġibbli, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa tal-offerti/kwotazzjonijiet.

3. Dwar il-korrispondenza minn GAL XLOKK, dwar il-*membership* għall-programm ta' fondi li jmiss 2014-2020. Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li biex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn fondi li jinħarġu mill-LEADER ikun hemm bżonn li l-Kunsill jkun membru fil-GAL. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill jidħol membru u jħallas is-somma ta' Eur5,500.

4. Dwar komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn bil-liġi l-Kunsill Lokali għandu d-dritt li jinnomina l-President tal-Kunsill Skolastiku, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Prinċipal tal-Kulleġġ sabiex tinforma lill-Kapijiet tal-Iskejjel li l-Kunsill kien qed jinnomina lill-Kunsilliera Martina Brancaleone biex tkun membru fil-Kunsill Skolastiku tal-Iskejjel Primarji fil-lokalita'.

5. Dwar ilmenti li l-Kunsill Lokali għandu dwar bżonn ta' patching u li ilhom pendenti għal xhur twal peress li l-kuntrattur qed jonqos milli jagħmel dan ix-xogħol, il-Kunsill Lokali ddeċida biex joħroġ Default Notice lill-kuntrattur tal-patching, Central Asphalt Ltd.

6. Dwar memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Iskema ta' Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali, il-Kunsill Lokali stieden lill-għaqdiet lokali biex min hu interessat li jorganizza attivita' flimkien mal-Kunsill Lokali f'din l-iskema għandu jimla' l-applikazzjoni.

7. Dwar korrispondenza mill-LESA fejn fil-ġranet li ġejjin għandha ssir laqgħa mal-Kunsill, inġibdet l-attenzjoni biex it-talba li kien għamel il-Kunsill biex issir *speed camera* fi Triq il-Wied għandha tintbaghat lil din l-aġenzija.

8. Dwar korrispondenza relatata max-xogħlijiet li saru fuq l-*istorm water culverts* inkonnessjoni mal-proġett kontra l-għargħar, il-Kunsill huwa infurmat li fadal xogħlijiet xi jsiru fi Triq il-Mitħna.

9. Dwar talbiet separati mill-impjegati Maria Lewis u Bernice Darmanin sabiex jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours ta' 30 siegħa fil-ġimgħa, il-Kunsill approva dawn it-talbiet għal sena.

10. Dwar korrispondenza mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex id-daħla ta' ħdejn il-bini tal-gvern Ta' Paskarella, tissemma' Daħlet Paskarella, il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni.

**08/07 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.